IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum it-18 ta' Ġunju 2026

Rikors numru: BCT/30/2026 CV

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

David Attard

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell tal-appellant mibgħut permezz ta' email fejn huwa talab sabiex id-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata ta' nhar l-4 ta' Marzu, 2026, li permezz tagħha imponiet penali amministrattiva ta' mija u ħamsin ewro (€150), tiġi revokata fl-intier tagħha. Ir-rikors, testwalment jaqra kif ġej:

> *To whom it may concern.*
> *We received notice about the above quoted administrative fine about a sign not being present during construction works.*
> *I want to appeal the fine for the following reasons.*
> *- Please be advised that construction works on the site were completed in September 2025 following the issue of the permit*
> *- the site has been operating as a commercial premises for a number of months now*
> *- the signs related to construction have been removed for the above reasons*

For these reasons, all signs related to construction have been removed accordingly. Myself and my partner in copy remain available for any questions you may have about the above.

I trust that you can remedy the above fine.
Thanks in advance for your attention to this matter.
Best Regards
David

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi fit-trattazzjoni ta' dan l-appell ser jkunu qegħdin jitressqu dawn il-provi n sostenn tal-penali amministrattiva;*

3. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-appell odjern ġie differit għas-sentenza għal-llum.

Ikkunsidra:

L-appell odjern jittratta l-allegat nuqqas tal-appellant li jżomm imwaħħla fuq is-sit tal-iżvilupp it-tabella tax-xogħlijiet. In segwitu ta' dan l-Awtorita' imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150).

L-appellant xehed f'dawn il-proċeduri u in linea mad-difiża tiegħu għall-avviż odjern, huwa kkonferma li fl-istadju tal-avviż ix-xogħlijiet kienu lesti. Hu jgħid li x-xogħlijiet kienu lesti u s-sit beda jopera b'mod kummerċjali f'Novembru tas-sena 2025. Minkejja dan il-*completion notice* ma kinitx ġiet sottomessa mal-Awtorita' u li din ġiet sottomessa meta irċieva l-avviż mertu ta' dawn il-proċeduri.

It-Tribunal ħa in konsiderazzjoni l-affidavit preżentat mill-Awtorita' appellata. Mill-affidavit jirriżulta li l-appellant ġie infurmat f'żewġ istanzi dwar in-nuqqas li jżom fis-seħħ it-tabella bl-informazzjoni. Minkejja dan l-appellant ma ħa ebda azzjoni u in segwitu ta' dan inħarġet penali amministrattiva BCA-P08-009-2026. Din ma hijiex l-penali mertu ta' dawn il-proċeduri. Jirriżulta li in segwitu ta' din saru numru ta' spezzjonijiet oħra u t-tabella baqgħet mhux imwaħħla u hawn fejn l-Awtorita' imponiet il-penali amministrattiva odjerna. In segwitu ta' dan l-appellant preżenta l-completion notice. Dan kollu ma ġiex kontestat mill-appellant.

It-Tribunal ma jqisx li teżisti xi raġuni valida għala dan l-appell għandu jiġi milqugħ jew l-penali mnaqqsa. Dan fid-dawl li l-appellant ingħata diversi opportunitajiet biex jirregola l-posizzjoni tiegħu qabel inħareġ l-avviż in kwistjoni. It-Tribunal iqis deplorabbli li jiġu preżentati appelli frivoli ta' din in-natura f'kuntest fejn l-appellant ma jippreżenta ebda raġuni valida li jissostanzja l-appell tiegħu.

Għaldaqstant it-Tribunal ser għaddi sabiex jiċħad l-appell odjern.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed in vista tas-suespost jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata ta' nhar l-4 ta' Marzu 2026.

Dr Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan Psaila**
Chairperson	Membru	Membru